31996D0509

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-18 ta' Lulju 1996

li tistipula l-ħtiġijiet tal-linja tan-nisel u ħtiġijiet zootekniċi għall-importazzjoni tas-*semen* ta' ċerti annimali

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(96/509/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 94/28/KE tat-23 ta' Ġunju 1994 li tistipula l-prinċipji dwar il-kondizzjonijiet żootekniċi u ġenetiċi applikabbli għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' l-annimali, is-semen, l-ova u l-embriji tagħhom [1] u li temenda partikolarment l-Artikolu 5, it-tieni u t-tielet inċiżi tiegħu,

Billi skond id-Direttiva tal-Kunsill 87/328/KEE [2] tat-18 ta' Ġunju 1987 dwar l-aċċettazzjoni għal skopijiet tat-trobbija ta' l-annimali mrobbija puri ta' l-ispeċi ta' l-ifrat, u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 90/257/KEE [3] ta' l-10 ta' Mejju 1990 li jistipulaw l-kriterji għall-aċċettazzjoni għal skopijiet ta' trobbija ta' nagħaġ u mogħoż mrobbija puri u l-użu tas-semen, l-ova u l-embriji tagħhom, u d-Direttiva tal-Kunsill 90/118/KEE [4] 5 ta' Marzu 1990 dwar l-aċċettazzjoni tal-ħnieżer mrobbija puri għat-trobbija, Stat Membru ma jistax jipprojbixxi, jirrestrinġi jew jwaqqfu l-aċċettazzjoni ta' l-eżami uffiċjali tas-semen mill-annimali irġiel mhux eżaminati fil-limiti tal-kwantitajiet meħtieġa biex iwettqu t-tali eżamijiet uffiċjali;

Billi l-prinċipji tat-tali eżamijiet uffiċjali huma stipulati fid-Direttiva tal-Kummissjoni 86/130/KEE [5] tal-11 ta' Marzu 1986 li tistipula l-metodi ta' sorveljanza ta' l-għamil u l-metodi biex jistmaw il-valur ġenetiku ta' l-annimali mrobbija puri ta' l-ispeċi ta' l-ifrat kif emendati mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/515/KE [6], fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 90/256/KEE [7] li tistipula l-metodi tas-sorveljanza ta' l-għamil u tistma l-valur ġenetiku tan-nagħaġ u l-mogħoż mrobbija puri u fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/507/KEE [8] li tistipula l-metodi għas-sorveljanza ta' l-għamil u li jistmaw il-valur ġenetiku tal-ħnieżer mrobbija puri u dawk ibridi għat-trobbija;

Billi huwa meħtieġ li jiġu stipulati l-kondizzjonijiet għall-importazzjoni tas-semen mill-annimali irġiel mhux eżaminati; billi huwa għalhekk meħtieġ li jkunu stabbiliti ċ-ċertifikati għal dan is-semen;

Billi semen mill-annimal li għadda minn eżamijiet ta' l-għamil u minn stima tal-valur ġenetiku jrid ikun akkumpanjat minn ċertifikat tal-linja tan-nisel u zootekniku kif imniżżel fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/510/KE [9];

Billi l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jridu jiżguraw li s-semen mill-annimali irġiel mhux eżaminati jkunu aċċettati għall-inseminazzjoni artifiċjali fil-limiti tal-kwantitajiet meħtieġa għall-organizzazzjonijiet jew l-assoċjazzjonijiet approvati biex iwettqu l-eżamijiet uffiċjali;

[1] ĠU L 178, 12.7.1994, p. 66.
[2] ĠU L 167, 26.6.1987, p. 54.
[3] ĠU L 145, 8.6.1990, p. 38.
[4] ĠU L 71, 17.3.1990, p. 34.
[5] ĠU L 101, 17.4.1986, p. 37.
[6] ĠU L 207, 10.8.1994, p. 30.
[7] ĠU L 145, 8.6.1990, p. 35.
[8] ĠU L 247, 23.8.1989, p. 43.
[9] Ara paġna 53 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

Billi il-miżuri li hemm ipprovduti f'din id-Deċizjoni huma skond l-opinjoni ta' l-Kumitat Permanenti ta' Żooteknika,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-semen kif riferut fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 94/28/KE, ġej mill-annimal li m'għaddiex mill-eżamijiet ta' l-għamil u l-istima tal-valur ġenetiku fuq il-bażi tal-prinċipji pprovduti mir-regoli tal-Komunità, tista' tkun importata biss fil-limiti tal-kwantitajiet meħtieġa għall-organizzazzjonijiet jew l-assoċjazzjonijiet approvati biex iwettqu t-tali eżami uffiċjali.

Artikolu 2

Is-semen riferut fl-Artikolu 1 jrid ikun akkumpanjat

— minn ċertifikat tal-linja tan-nisel u zootekniku li hu konformi mal-mudell fl-Anness I, maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz,

— minn ċertifikat li hu konformi mal-mudell fl-Anness II, maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tad-destinazzjoni.

Iċ-ċertifikati msemmija fl-ewwel u t-tieni inċiż iridu jkunu ppreżentati flimkien fil-mument ta' l-importazzjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-1 t'Awissu 1997.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-18 ta' Lulju 1996.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

<table>
<tr><td colspan="2">IĊ-ĊERTIFIKAT TAL-LINJA TAN-NISEL U ZOOTEKNIKU GĦALL-IMPORTAZZJONI TAS-SEMEN MILL-ANNIMALI MROBBIJA PURI TA' L-ISPEĊI TA' L-IFRAT, IL-ĦNIEŻER IMROBBIJA PURI, IN-NAGĦAĠ U L-MOGĦOŻ IMROBBIJA PURI LI M'GĦADDEWX MINN EŻAMI TA' L-GĦAMIL U STIMA TAL-VALUR ĠENETIKU</td></tr>
<tr><td colspan="2">A. Partikolari ta' l-annimal raġel donatur</td></tr>
<tr><td>1. Speċi (qobla/ħnieżer/nagħaġ/mogħoż) (1)</td><td>2. Razza/tip ġenetiku</td></tr>
<tr><td colspan="2">3. Il-korp tal-ħruġ</td></tr>
<tr><td colspan="2">4. L-isem u l-indirizz ta' l-awtorità li żżomm ir-reġistru tal-merħla ta' l-oriġini tal-pajjiż terz</td></tr>
<tr><td colspan="2">5. L-isem u l-indirizz ta' min irabbi</td></tr>
<tr><td>6. L-isem (fakoltattiv)</td><td>7. Nru ta' l-entrata oriġinali</td></tr>
<tr><td>8. Data tat-twelid</td><td>9. Grupp tad-demm (2)</td></tr>
<tr><td colspan="2">10. Linja tan-nisel (3)</td></tr>
<tr><td rowspan="2">Missier
Nru tar-reġistru oriġinali tal-merħla</td><td>Missier il-missier
Nru tar-reġistru oriġinali tal-merħla</td></tr>
<tr><td>Omm il-missier
Nru tar-reġistru oriġinali tal-merħla</td></tr>
<tr><td rowspan="2">Omm
Nru tar-reġistru oriġinali tal-merħla</td><td>Missier l-omm
Nru tar-reġistru oriġinali tal-merħla</td></tr>
<tr><td>Omm l-omm
Nru tar-reġistru oriġinali tal-merħla</td></tr>
<tr><td colspan="2">11. Ir-riżultati disponibbli kollha ta' l-eżamijiet ta' l-għamil u riżultati aġġornati tal-valur ġenetiku bl-isem tal-korp li għamel stima tal-valur ġenetiku, fuq l-annimal innifsu u fuq il-ġenituri u n-nanniet tiegħu (3)</td></tr>
<tr><td colspan="2">Magħmul fi ....., fil-.....

Firma .....

ISEM B'ITTRI KBAR U T-TITOLU TAL-FIRMATARJU

.....</td></tr>
<tr><td colspan="2">(1) Aqta' kif meħtieġ.
(2) Jew metodu approvat ieħor skond il-leġislazzjoni tal-Komunità meħtieġ biss għall-qobla, in-nagħaġ u l-mogħoż.
(3) Jekk hemm bżonn uża karta addizzjonali.</td></tr>
</table>

IĊ-ĊERTIFIKAT TAL-LINJA TAN-NISEL U ZOOTEKNIKU GĦALL-IMPORTAZZJONI TAS-SEMEN MILL-ANNIMALI MROBBIJA PURI TA' L-ISPEĊI TA' L-IFRAT, IL-ĦNIEŻER IMROBBIJA PURI, IN-NAGĦAĠ U L-MOGĦOŻ IMROBBIJA PURI LI M'GĦADDEWX MINN EŻAMI TA' L-GĦAMIL U STIMA TAL-VALUR ĠENETIKU

B. **Partikolaritajiet dwar is-semen**

1. Sistema ta' identifikazzjoni tas-semen (kulur, numru, eċċ.)	2. Identifikazzjoni tal-kontenitur
3. Oriġini tas-semen (indirizz taċ-ċentru tal-ġbir tas-semen)	
4. Destinazzjoni tas-semen (isem u indirizz tal-kunsinnatarju)	

Identifikazzjoni tat-tiben	Numru ta' doża	Data tal-ġbir

Magħmul fi ....., fil-.....

Firma .....

ISEM B'ITTRI KBAR U T-TITOLU TAL-FIRMATARJU

.....

ANNESS II

ĊERTIFIKAT GĦALL-IMPORTAZZJONI LIMITATA TAS-SEMEN MHUX EŻAMINAT MILL-ANNIMALI MROBBIJA PURI TA' L-ISPEĊI TA' L-IFRAT, IN-NAGĦAĠ U L-MOGĦOŻ IMROBBIJA PURI LI GĦANDHOM JINTUŻAW GĦALL-EVALWAZZJONI ĠENETIKA	
1. Il-korp tal-ħruġ	
2. Isem tar-raġel donatur (fakoltattiv)	3. Ir-reġistru oriġinali tal-merħla
4. In-numru massimu tad-dożi li jistgħu jkunu importati	
5. Kunsinnatarju	
Magħmul fi ....., fil-..... Firma ..... ISEM B'ITTRI KBAR U T-TITOLU TAL-FIRMATARJU	